**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2018

Rikors Nru : 243/18 AL

**AB**

**u**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie guramentat miz-zewg rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

**1)** Illi l-kontendenti zzewgu f'Malta nhar it-27 ta' Frar tas-sena 1999 (certifikat taz-zwieg mehmuz u mmarkat **DOK A**) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe T B li twieled nhar is-17 ta' Jannar tas-sena 2003 u M B li twieled nhar il-25 ta' Ottubru tas-sena 2007;

**2)** Illi l-kontendenti kienu sseparaw minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn nutar Clinton Bellizzi

nhar it-28 ta' Dicembru tas-sena 2017 (kuntratt mehmuz u mmarkat **DOK B**);

**3)** Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni taghhom irregolaw *inter alia* l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu ddikjaraw illi huma rinunzjaw ghad-drittijiet rispettivi taghhom illi jitoblu u jircievu manteniment minghand xulxin. Fir-rigward tat-tfal minuri tal-Partijiet, il-manteniment qieghed jithallas puntwalment u minghajr problemi;

**4)** Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, minkejja illi dan ta' l-ahhar gie ppubblikat nhar it-28 ta' Dicembru 2017, il-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien, ghal kollox separat, f'residenzi separati, sa mill-1 ta' Dicembru tas-sena 2013, kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' separazzjoni fil-premessa (e).

**5)** Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

**6)** Illi ghalhekk, il-kondizzjonijiet mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-kontendenti kienu sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni surriferit, m'huwiex mehtieg illi jsir medjazzjoni bejniethom;

**7)** Illi ma dan l-att qieghed jigi anness traduzzjoni ta' l-istess att bil-lingwa Ingliza, stante illi l-intimata ma tifimx bil-lingwa Maltija **(DOK C)** flimkien ma l-affidavits tal-istess partijiet, u t-traduzzjonijiet rispettivi annessi u mmarkati **DOK D1-D2** u **DOK E1-E2**.

Talbu lil din il- Qorti biex previa smiegh tal-partijiet, tippronunzja d-divorzju bejniethom kif mahsub fl-artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Mejju 2018;

Rat l-affidavits bix-xiehda taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mit-28 ta' Dicembru 2017 u ilhom jghixu f'residenzi separati sa mill-1 ta' Dicembru 2013 kif jirrizulta ukoll mill-kuntratt tas-separazzjoni fil-premessa (e);

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.